**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Settembru, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**
**-vs-**
**Giuseppe Gatt, detentur tal-Karta tal-Identità numru 0493445M**

*Kumpilazzjoni Nru. 559/2019*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Giuseppe Gatt** u ċioe` talli:

Nhar il-20 t'April, 2019 fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar, ġewwa Triq il-Kbira, Mosta:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Michael-Angelo-Raimondo Ebejer f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif ċċertifikat minn Dr. Maria Barbara MD nru mediku 5926;

2. U aktar talli inġurja u/jew hedded lil Michael-Angelo-Raimondo Ebejer b'inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-kodiċi, anke jekk ipprovokat, inġurjat u b'mod li ħareġ il-barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Giuseppe Gatt, a benefiċċju ta' Michael-Angelo-Raimondo Ebejer.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-14 ta' Novembru, 2022[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 214, 215, 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-14 t' April, 2023, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti;[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-14 ta'Marzu, 2024.

**<u>IL-PROVI</u>**

L-Ispettur Clayton Camilleri spjega kif il-Pulizija sarilha rapport minn Michael-Angelo-Raimondo Ebejer li hekk kif kien għaddej quddiem il-Każin Nikolo Isouard fil-Mosta, raġel li rriżulta l-imputat beda jgħajru "ġurdien" u wara li Ebejer wieġbu lura, ġew fl-idejn. Gatt qabad itieh b'injama u Ebejer ġarrab ġrieħi f'idejh u f'għajnejh.[3]

Fl-istqarrija rrilaxxata minnu Gatt stqarr kif kien ħareġ mill-każin ta' Santa Marija u kien għaddej quddiem il-każin Nicolo Isouard ra lil Ebejer ġej u x'ħin dan wasal fejn Gatt beda jobżoq u joffendieh. Ebejer daħal ġewwa l-każin ġab

[1] Fol.79
[2] Fol.81
[3] Fol.15-16

tazza bil-birra u baqa joffendieh hekk kif kisser it-tazza mal-poġġaman u ħabat għalih bit-tazza għadha imkissra f'idu, tefgħalu t-tazza w laqtu f'wiċċu. Tqabbdu f'xulxin u waqgħu mal-art bejn il-karozzi ipparkjati mal-bankina. Ġew mifrudin minn nies li kienu fil-każin. Jiċħad li qabad injam biex jagħti biha lil Ebejer iżda jikkonferma li xi ħaġa qabad. Iżid li Ebejer ta' kuljum kien jgħaddilu kummenti iżda mhux bħal dakinhar li nqala l-inċident.[4]

Ġie ikkonfermat ċertifikat mediku minn **Dr. Maria Barbara** li ikklassifikat l-ġrieħi li ġarrab Ebejer bħala ta' natura gravi.[5] Kien hemm **ksur** f'subagħ taċ-ċurkett, ir-raba *digit* tal-l-id tax-xellug kien *displaced* u kellu jieħu kura għalih mill-ortopedija. Fuq rasu kellu *swelling* u *bruising* kif ukoll s-snien , il-*first* u *second incisors* ma kienux stabbli u Ebejer qalilha kienu kawża tal-aggressjoni li ġarrab mingħand Gatt. [6] Għal *"multiple small superficial abrasions over the face"* ma kienx hemm ħtieġa ta' trattament partikolari.[7]

**PS1161 Aldo Zammit** jixhed kif Ebejer kien daħal l-għassa jagħmel rapport b'demm ma wiċċu. Dan stqarr miegħu li kellu xi jgħid ma Gatt li kienu ppikati ma xulxin. Qallu li Gatt ħebb għalih b'injama.[8] Zammit ikkonferma l-**Current Incident Report**.[9]

**Ebejer** xehed li kien il-każin jieħu flixkun birra meta ħareġ barra biex jara hux ġej it-tifel u għadda minn hemm Gatt u qallu *"Xiż-żobb qed tħares ja kurnut. Ghidtlu jien kurnut? Ghidtlu int ġurdien jekk int kurnut"*.[10] Gatt daħal il-każin u telgħa fuq iżda ftit wara rah nieżel, *"it-tazza ermajtha 'l hemm 'il-ġewwa.* ***Qabad Baxxa fl-art fejn l-antarjola, qabad xi ħaġa u beda jtini ġo wiċċi u tħarbatna flimkien. U laqatli n-nuċċali....U laqatni għajnejja. Għandi għajnejja, din, ċpar nara minnha****.....domt xi hames, il-gimgha kollha sejjer...Issa dan l-aħħar mort l-Isptar, Vella qalli qed tgħama. Qalli int ħa tagħma ... Wiċċi indahan. Dahanuli wiċċi bl-injam. Ma nafx x'kellu f'idejh. Dahanuli wiċċi. Dik li ħadt jien. Dik li ħadt."*[11] Ried li Ebejer jagħmel tajjeb għan-nofs l-ispejjeż li nefaq u ma jħarisx lejn familtu aktar.[12] Ebejer esebixxa riċevuti ghal €230 rigward *lower partial denture and dental extraction,*[13] €190 ghal trattament għand St. James Clinic[14] u numru ta' riċevuti

[4] **Dok.CC2** a fol.22-23
[5] **Dok.CC3** a fol.25 et seq
[6] Fol.30
[7] Fol.31
[8] Fol.33-34
[9] **Dok.CC1** a fol.18-21
[10] Fol.37
[11] Fol.38
[12] Fol.39
[13] **Dok.A** a fol.45
[14] **Dok.B** a fol.46-47

oħra maħruġa minn St. Mary's Pharmacy tal-Mosta li sfortunatament ma tantx jinqraw u lanqas ma juru x'jirrappreżentaw.[15]

L-imputat **Giuseppe Gatt** ha l-pedana tax-xiehda w spjega kif kien tiela l-fuq quddiem il-każin Nicolo Isouard l-Mosta u Ebejer nieżel l-isfel, it-tnejn fuq il-bankina. Dan Ebejer kien ta sikwit itieh fastidju għaliex jemmen li Gatt jittantalu l-mara. Jixhed: *"Jien fuq ix-xellug aktarx u hu n-naha ta' barra. Qalli diskors li tiehdu l hawn u li tiehdu f' ghoxx ommok u qas naf x' ma qallix ghax kien fis-sakra kif kont jien, dahal il-kazin u dahal gab tazza tal-birra forsi l-ewwel wahda li sab tal-birra. Ix-xhud li tella hu qal li t-tazza setghat kienet tat-te. Mela kellu tazza. Kissirha mal-poggaman tat-tarag biex jaghmilha taqta u bil-ponta, kissirha u hu hareg fuqi. Tefghani mal-art pero t-tazza tant ikisritlu li ma kienx baqa` xejn ghax kieku biha kien itini. … Jien x' ridtni naghmel jekk jien kont mal-art u hu fuqi. Gie guvnott u refghu minn fuqi. …Jiena qomt ghax qajmuni u rrangajt naqra d-demm li kelli go wicci u hekk u tlaqt il-fuq lejn id-dar u minn hemm qbadt il-karozza biex ma noqghodx id-dar u tlajt Ta' Qali. Fil-fatt gew il-Pulizija jfittxuni d-dar u ma kontx hemm hux ghax tlajt Ta' Qali. ….. Hu gie fuqi ghax dahal u gab tazza mill-kazin u gie dritt ghal fuqi."*[16]

Ghalkemm għalhekk il-Qorti qed tiġi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, hu ben assodat fil-ġurisprudenza li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni. Huwa fil-mansjoni tal-ġudikant li jipprova jasal għal min qed jgħid il-verità' miċ-ċirkostanzi u l-assjem tal-provi l-oħra, u dan in omaġġ ta' dak li jipprovdi l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali li xhud wieħed biss, jekk emmnut, huwa biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat:[17]

> Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:
>
> "Fi kliem ieħor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz ieħor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tiġi emmnuta mingħajr ma jiġi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkużat, u jekk tali versjoni setghet tiġi emmnuta w evidentement ġiet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."
>
> Jigi osservat ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew

---

[15] **Dok.C** a fol.48

[16] Fol.91-93

[17] **Il-Pulizija v. Charlton Chetcuti**. Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna. Deċiża nhar l-10 ta' Marzu, 2006. Numru 127/2006

aktar.[18] U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".[19]

Gatt saħansitra jinnega li prova jiddefendi ruħu w jgħid li l-ġrieħi li ġarrab Ebejer saru meta dan waqa fuqu u f'xi ħin ġie mal-art. Ghalkemm Gatt jgħid li kellu d-demm f'wiċċu ma ġie prodott l-ebda ċertifikat mediku jew prova tal-ġrieħi li jsemmi li sofra. Jikkonferma li meta Ebejer waqa fuqu hu kien mal-art.

Din ix-xiehda tal-imputat ma tikkonvinċi xejn lill-Qorti. Jekk tassew kien mal-art u lanqas biss għamel tentattiv biex jiddefendi ruħu, kif qatt jista' jkun li Ebejer sofra dawk il-ġrieħi kollha. L-abbli prosekutur meta staqsa lil Gatt jekk iddefendix ruħu tah opportunita sabiex javviċina s-sewwa iżda l-imputat kellu l-ardir jinsisti li baqa ċass u ma għamel l-ebda azzjoni li setgħet wasslet sabiex Ebejer iġarrab dawk il-ġrieħi kollha!

Hawn lanqas ma jista' jintesa li fl-istqarrija tiegħu Gatt kien kkonferma li kien qabad xi haġa biex irritalja kontra Ebejer imma issa meta jixhed *viva voce* jbiddel il-verżjoni. Qal hekk fl-istqarrija *"..injama ma niftakarx ili qbat pero jista jkun ili jien qbat xi haga pero ma niftakarx ezat hekk qbatx xi haga"*[20]

Lanqas ma jagħmel sens mix-xiehda tal-imputat li jibqa jinsisti li Ebejer waqa fuqu li dan tal-aħħar jasal ikollu żewġ ġrieħi b'dijametru ta' żewġ ċentimetri l-waħda fuq moħħu (*forehead*) u saħansitra spiċċa bl-*incisors* instabbli.[21] Żgur li kieku sempliċiment waqa fuqu ma kienx ser isofri tali ġrieħi bħal ma seta kien il-każ bil-grif superfiċjali li ġarrab ma wiċċu,[22] ghalkemm fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhi qed tagħti l-ebda kredibbilità lill-imputat. Kemm tassew aktar tagħmel sens il-verżjoni ta' Ebejer li Gatt tbaxxa qabad xi ħaġa minn mal-art u beda jtieh biha f'wiċċu![23]

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat li ma toħloq ebda tħassib għal Qorti kif

[18] Ara artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali
[19] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957
[20] Fol.23
[21] Fol.25
[22] Ibid.
[23] Fol.38

ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ li jirrisali għal 2019 u qatt ma kellu jitħalla jiddilunga għal tant snin.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat ħati w tikkundannah **sena (1) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għal sena (1) millum.

Ai termini tal-artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat jikkumpenza lil parte leża fl-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600).

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Michael-Angelo-Raimondo Ebejer u familtu għal żmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**